MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1759/2003

**Malta Tourism Authority**

**Vs**

**Christpher Gauci**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-awtorita attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha liri Maltin (Lm704) rappresentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-Dokument A anness ma'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-Awtorita attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2003, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha liri Maltin (Lm704), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------